**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 25**

**Il-Ħamis 25 ta' Marzu 2021**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-binja tal Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorjo Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk. Malta.
☎:21652525, 21650937 marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| **25.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 25.1.1 | Xejn |
| **25.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 25.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 24 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| 25.2.2 | Is-Sin. Elenia Desira pproponiet u ssekonda Stephen Caruana bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 24 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 25.3 | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 25.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-22 ta` Frar 2021 Is-Sindku flimkien mall-Assistent Principal Jordy Brincat, kellhom laqgħa mal- FSWS rigward kiri ta kamra fil-binja l-ġdida tal-Kunsill Lokali, wara kellhom laqgħa oħra mac-Chief of Staff Angele Abela mill-Ministeri tal-Onorevoli Owen Bonnici u Wara kellhom laqgħa oħra mal-ERA dwar Gnien tal- Kavallerizza. |
| 25.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-23 ta`Frar 2021 is-Sindku flimkien ma l-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa tal-Maltapost PLC. u wara kellu laqgħa oħra ma Alfred Grixti fuq il-kirjiet tal-binja l-ġdida tal-Kunsill Lokali. |
| 25.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fl-1 ta` Marzu 2021 Is-Sindku flimkien mall-Assistent Principal Jordy Brincat attendew għall-Press Conference fejn ingħataw għotja ta siġar tal-Palm fejn ikun jista jiġi użat mis-sajjieda aktar il-quddiem. |
| 25.3.4 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fit-2 ta` Marzu 2021, is-Sindku flimkiem mall-Assistent Principal kellhom laqgħa bit-Teams Mal-Planning Authority, Transport Malta u Infrastructure Malta rigward il-Barumbara ta' Triq ix-Xerriek. |
| 25.3.5 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fl-4 ta`Marzu 2021, is-Sindku flimkien mall- Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa mal- Fisheries rigward il-*Winch rooms*. |
| 25.3.6 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fit-5 ta` Marzu 2021, is-Sindku, kellu laqgħa fejn ġiet diskussa ir-Roundabout ta Bir id-Deheb |
| 25.3.7 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fid-9 ta`Marzu 2021, is-Sindku flimkien mall-Assistent Principal Jordy Brincat kellhom laqgħa mal-Aġenzija Żagħżagħ rigward proġetti għaż-żagħżagħ u wara kellhom laqgħa oħra mal-Library Centre Floriana. |
| 25.3.8 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li l-LESA ħarget Skema dwar Inizjattiva tal-Progetti fil-Kommunità. Is-Sindku qal li se nagħmlu l-*cameras* mifruxa fil-lokalità kollha. Għalekk fis-17 ta` Marzu 2021, is-Sindku flimkien mall- Assistent Prinċipal Jordy Brincat u l-Kunsillier Daniel Zerafa kellhom laqgħa ma rappreżentant tal- cameras rigward CCTV ġo Marsaxlokk. |
| 25.3.9 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fid-19 ta`Marzu 2021 is-Sindku flimkien mall-Assistent Principal Jordy Brincat u l-Kunsillier Stephen Caruana kellhom laqgħa mall-bejjieha tal-ħut. Sar qbil li jintramaw 14 il posta hekk kif maqbul mill-Kunsill sakemm jinbidlu id-direttivi. |

| | |
|---|---|
| | |
| 25.3.10 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fit-23 ta`Marzu 2021 is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Stephen Caruana kellhom laqgħa mall-bejjieha tal-ħut. |
| 25.3.11 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li ġiet diskussa il-waiting list tal posti tal-Monti. Iktar diskussjonijiet il-Quddiem. |
| 25.3.12 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti rigward il-kolonni tal pjazza. Sar qbil bejn dawk preżenti li dawn il-kolonni jitneħħew u jitpoġġew minflok qsari kbar. Ser isiru ukoll in-naħa tal-baħar. |
| 25.3.13 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżaenti rigward il-*Break water* in-naħa tal-*Power station*. Informa li saret laqgħa u ser isiru stikers. Instgħab li hemm bejn 30/40 karru mferrex. Ser isiru aktar diskusjonijiet il-quddiem. |
| 25.3.14 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fuq Port Ruman qed isir *survey* sabiex jibdew ix-xogholijiet għall din it-triq. Ser ikun hemm xi ċaqliq sabiex din issir din. |
| 25.3.15 | Is-Sindku informa l-kunsilliera prezenti li fl-area tal-Maghaluq, ser jitpoġġew planters. Ser jitnaqqas l-ammont li kien stmat li jitpoġġa madwar 32 u jsiru bin nofs. Is–Sindku qall ukoll li fuq ir–rikjesta li saret minn kuntrattur dwar il-hardstanding ta' hdejn il-*powerstation* huwa ser jaghmel laqgha biex jiddiskuti xi proposta ghandhom. |
| 25.3.16 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti rigward il-Public Toilets. Intlaħaq qbil li dawn jiġu refurbished mill privat u ser ikun hemm ħlas għall-użu. |
| 25.3.17 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti rigward Bużbież lane. Il permess ġie approvat.<br>Is-Sindku ressaq il-budget ghas-sena 2021, u li dawn gew approvati unanimament. |
| 25.3.18 | Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li saret laqgħa mal-Avukat u ser issir laqgħa oħra b'urgenza rigward il- Bye-Laws. |
| **25.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 25.4.1 | Ma kien hemm xejn. |
| **25.5** | **Dokument t'Infurzar** |
| 25.5.1 | Il Kunsillier Daniel Zerafa ikkomunika u għamel riċerka u bena dokument dwar l-infurzar. Ser issir preżentzzjoni ta' dan id-dokument waqt f'laqgha ta diskussjoni nhar il-Ħamis 1 t' April fl-4pm. |
| **25.6** | **Arbli Ġodda-Żejtun Road** |

| | |
|---|---|
| 25.6.1 | Is-Sindku spjega li r-roundabout ta' ħdejn il-Kappella ta' San Pietru hi imdalma. Madwar din ir-Roundabout hemm 8 hofriet ghall-arbli tal-bnadar. Gie deċiż li jsiru 4 arbli bid-dawl li jgħatu id-dawl għat triq u 4 oħra għall-bnadar. |
| **25.7** | ***Tender for the supply and installation of playing fiel Eqipment & Street Furniture.*** |
| 25.7.1 | Is-Segretarju Charles Attard spjega li peress li biex tinxtara dan it-tip ta għamara jiswa il-flus, ikun għaqli li tinħareġ *tender.* Sar qbil tinħareġ tender. |
| **25.8** | **Planning** |
| 25.8.1 | Il Kunsillier Daniel Zerafa spjega li binja antika ħafna fi Sqaq Busbiesi, is-sid talbet sabiex twaqqa il-binja kollha. Ġie diskuss u l-Kunsill qabel li jesiġu li l-faċċata tibqa kif inhi. |
| **25.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal Pagamenti u Petty Cash** |
| 25.9.1 | Proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana għal kollox. |
| **25.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 25.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-5.50pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 29 ta' April 2021, fl-4:00pm |

Konfermati, illum 29 t'April 2021

**IFFIRMATA**

________________________
Steven Grech
Sindku

**IFFIRMATA**

_________________________
Charles Attard
Deputat Segretarju Eżekuttiv